



20.11.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0645/2009, imressqa minn BP, ta' nazjonalità Ġermaniża, f'isem "O.B.S.", bi 18-il firma, dwar appell għall-armonizzazzjoni tal-istandards għall-ħarsien tat-tfal fl-industrija tal-films u s-softwer ta' divertiment.

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti jitolbu li l-istandards tal-klassifikazzjoni tal-films u ta' softwer ta' divertiment għall-ħarsien tat-tfal ikunu armonizzati madwar l-UE. Żieda fil-vjolenza fost iż-żgħażaġh Ġermanja wasslet għal standards aktar stretti f'dak l-Istat Membru tal-UE, li issa għandu standards aktar stretti minn dawk f'ħafna oħrajn. Sabiex ikun evitat li wieħed isib mezz kif jevadi dawn l-istandards billi jixtri prodotti awdjoviżivi minn pajjiżi bi standards iktar baxxi, huma qed jitolbu standards komuni - iktar stretti - madwar l-UE. L-għan tagħhom hu a) il-ħarsien taż-żgħażaġh; b) kundizzjonijiet indaqs fis-suq; c) prezzijiet ugwali u d) xiri illegali iktar diffiċli.

2. Ammissibilità

Tiġi ddikjarata ammissibbli fis-16 ta' Settembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli tal-Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-20 ta' Novembru 2009.

Il-ħarsien ta' tfal bħala konsumaturi tas-servizzi tal-films u ta' divertiment, u ta' utenti ta' teknoloġiji *online* huwa ta' importanza kbira għall-Kummissjoni. F'dan is-sens, is-“Studju dwar il-prattika ta' klassifikazzjoni użata għal ħidmiet awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea”¹, studju indipendenti ppubblikat fl-2003, jidentifika l-prattika ta' klassifikazzjoni f'diversi Stati

¹http://ec.europa.eu/avpolicy/docs/library/studies/finalised/studpdf/rating_finalrep2.pdf

Membri tal-UE u taż-ŻEE, li tiddependi fuq il-mezzi ta' distribuzzjoni differenti u tevalwa l-impatt ta' differenzi bejn il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-films. Fost il-konklużjonijiet ewlenin, l-istudju jiżvela li tista' ma tintlaħaqx armonizzazzjoni kompleta minħabba objettivi ta' politiki differenti segwiti f'pajjiżi differenti u minħabba t-tradizzjonijiet kulturali (l-istandards ta' kwalifikazzjoni) li għadhom fuq quddiem nett. Huwa jenfasizza n-neċessità li jiġu żviluppati referenzi komuni, kodifikazzjoni komuni biex jiġu identifikati l-kategoriji tal-età u standards biex ikun hemm kontroll tal-kontenut li jista' jagħmel ħsara (il-pornografija u l-vjolenza eċċessiva). L-Istudju jenfasizza l-ħtieġa li jitħeġġu l-iskambju tal-prattiki tajbin u koperazzjoni oħra bejn il-pjattaformi differenti tal-midja, il-mekkaniżmi effikaċi ta' ilment, u l-iżvilupp ta' Kodiċi ta' Kondotta awtoregulatorja aktar sikura u effikaċi li twassal għall-impenn tal-fornituri u x-xandara sabiex jirrispettaw ir-regoli. Finalment, l-istudju jinkoraġġixxi d-dħul b'mod attiv tas-soċjetà ċivili u l-edukazzjoni dwar ir-regoli, ladarba s-soċjetà ta' informazzjoni tirrikjedi udjenza infurmata u reattiva.

Fit-22 ta' April 2008, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar il-“Ħarsien tal-konsumaturi, partikolarment tal-minorenni, fir-rigward tal-użu tal-logħob bil-kompjuter”¹, li kienet ibbażata fuq sħarriġ fost l-Istati Membri dwar ir-regolament u l-prattika tagħhom vi-à-vis il-logħob bil-kompjuter. Dan hu segwitu tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2002, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi permezz tal-ittikkettar ta' ċerti vidjows u logħob bil-kompjuter, li diġà enfasizzat il-ħtieġa ta' informazzjoni ċara fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kontenut u l-klassifikazzjonijiet skont il-gruppi ta' etajiet differenti.

Il-Komunikazzjoni tistieden, fost oħrajn, lill-Istati Membri u lill-industrija biex ikomplu jtejbu s-Sistema tal-Ikklassifikar tal-età tal-Infurmazzjoni Pan-Ewropea dwar il-Logħob (PEGI- Pan European Games Information)². Il-bejjiegħa tal-logħob bil-kompjuter huma mitluba li jaqblu fi żmien sentejn fuq Kodiċi ta' Kondotta Pan-Ewropea dwar il-bejgħ ta' dawn il-prodotti lill-minuri u dwar l-impenni biex tiżdied il-kuxjenza tas-sistema PEGI fost il-ġenituri u t-tfal. L-Istati Membri u l-partijiet interessati huma mħeġġa biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-PEGI u jieħdu l-inizzjattivi biex itejbu l-litteriżmu medjatiku.

Il-ħarsien tal-minuri hija responsabilità tal-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Is-sensibilitajiet differenti u d-differenzi kulturali fl-Istati Membri jagħmluha diffiċli biex jiġu armonizzati sistemi għall-klassifika u għall-protezzjoni tat-tfal.

Fid-dawl ta' dan - kif ikkonfermat fil-konklużjonijiet ewlenin tal-istudju msemmi qabel dwar il-prattiki ta' klassifikazzjoni użati għax-xogħlijiet awdjoviżivi - hija kisba konsiderevoli li s-sistema ta' klassifikazzjoni awtoregulatorja skont l-età (PEGI) tiġi sostitwita minn numru sinifikanti ta' sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-età eżistenti għal-logħob bil-kompjuter b'sistema waħda li hi identika madwar il-maġġor parti tal-Ewropa. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li din is-sistema tikkonċerna biss tip speċifiku ta' kontenut u mhix sistema għal kull tip ta' kontenut awdjoviżiv mhux interattiv. Tali sistema teżisti fi Stat Membru wieħed, is-sistema Olandiża “Kijkwijzer”³. Il-“Kijkwijzer” prattikament tapplika għall-prodotti awdjoviżivi li mhux interattivi mibjugħin fl-Olanda, mill-programmi tat-

¹http://ec.europa.eu/avpolicy/reg/minors/video/index_en.htm

² <http://www.pegi.info/fr/index/>

³ <http://www.kijkwijzer.nl/index.php?>

televiżjoni u l-films taċ-ċinema sal-films fuq DVD u fuq vidjow, iżda mhix applikabbli fi Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni tilqa' u ssostni l-isforzi li komplew isiru biex tintlaħaq sistema pan-Ewropea li tista' tiġi distribwita minn midja għal oħra, li tikklassifika skont l-età, u li tkun awtoregulatorja jew koregulatorja. Sa dan il-punt, il-Kummissjoni organizzat laqgħat ta' klassifikazzjoni tal-entitajiet biex ikun hemm skambju tal-aqwa prattiki f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni tattendi wkoll, bħala osservatur, il-laqgħat annwali organizzati mill-entitajiet tal-Klassifikazzjoni tal-Films Ewropej. Dawn il-laqgħat jiffaċilitaw skambju tal-aqwa prattiki rigward id-diversi sistemi tal-klassifikazzjoni tal-films nazzjonali. Madankollu, armonizzazzjoni sħiħa tal-istandards għall-ħarsien tat-tfal, il-klassifikazzjoni tal-films u softwer ta' divertiment ieħor mhux se tintlaħaq faċilment.